MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 839/2004

**Anthony u Theresa konjugi Ellul f'isimhom proprju u kif ukoll ghan-nom ta' binhom minuri Eman Ellul ta' 12-il sena; u Christopher Ellul**

**vs**

**Ian Galdes u b'digriet tal-Qorti tat-28 ta' Ottubru 2010 gew mahtura Kuraturi Deputati Dr. Henry Antoncich u P.L. Gerald Bonello biex jirrapprezentaw l-eredità giacenti tal-mejjet Ian Galdes u Fogg Insurance Agencies Limited bhala rapprezentanta hawn Malta ghan-nom tas-socjetà estera Norwich Union International Insurance Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Anthony u Theresa konjugi Ellul f'isimhom proprju u kif ukoll ghan-nom ta' binhom minuri Eman Ellul ta' 12-il sena u Christopher Ellul li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Nhar l-ewwel ta' Lulju tas-sena 2000, il-minuri Alan Ellul ta' 16-il sena li jigi bin u hu l-atturi skond il-kaz kien riekeb bhala passiggier fil-vettura tal-ghamla Vauxhall bin-nurmu tar-registrazzjoni LAH 472 misjuqa mill-konvenut Ian Galdes.

Dina l-vettura kienet involuta f'incident stradali gewwa Hal Qormi f'liema incident tilef hajtu l-imsemmi minuri Alan Ellul.

Il-konvenut Ian Galdes kien unikament responsabbli ghall-imsemmi incident awtomobilistiku fejn tilef hajtu Alan Ellul u dana in vista tal-fatt li l-konvenut kien qed isuq l-imsemmija vettura b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

L-imsemmija vettura misjuqa mill-konvenuti Ian Galdes kienet tinsab debitament assikurata mas-socjetà Assikuratrici Fogg Insurance Agencies Limited.

Billi ghalhekk il-konvenuti fil-kapacità rispettiva taghhom ghandhom iwiegbu ghad-danni sofferti mill-atturi minhabba t-telf tragika tal-hajja ta’ Alan Ellul.

Illi l-atturi huma l-eredi ex lege tal-minuri Alan Ellul peress li huwa miet ab intestato.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara lill-konvenut Ian Galdes responsabbli ghall-imsemmi incident stradali u kwindi ghal mewt tal-minuri Alan Ellul u dana waqt li kien qieghed isuq il-precitata vettura assikurata mas-socjetà konvenuta.

2. Konsegwentement tiddikjara lill-konvenuti responsabbli in solidum bejniethom ghad-danni sofferti mill-attur per konsegwenza tal-imsemmi telf ta’ hajja ta’ Alan Ellul.

3. Tillikwida d-danni kagonati okkorendo permezz ta’ periti nominandi.

4. Tikkundanna lill-konvenut in solidum bejniethom ihallsu lill-atturi l-ammont kif likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjetà Fogg Insurance Agencies Limited bhala rapprezentanta hawn Malta ghan-nom

tas-socjetà estera Norwich Union International Insurance Limited li in forza taghha gie eccepit illi:

It-talbiet attrici fil-konfront tas-socjetà eccipjenti huma infondati fil-fatt u fid-Dritt, u dan stante illi ghalkemm il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAH 472 kienet assigurata mas-socjetà eccipjenti, dan kien permezz ta' polza ta' assikurazzjoni mahriga f'isem Vincent Abela, u certament ma kienitx tkopri lill-konvenut Ian Galdes illi fiz-zmien tal-incident kien ghadu minorenni u ghalhekk lanqas biss ma kellu licenzja tas-sewqan, u wisq anqas kopertura assikurattiva.

L-istess socjetà eccipjenti qieghda tinvoka l-*proviso* tas-subinciz (3) tal-**Artikolu 12 ta' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta)** u kwindi ghandha tigi liberata mill-effetti tal-istess **Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta** u mill-osservanza tal-gudizzju prezenti, u dan billi jirrizulta lampanti u *res ipsa loquitur* illi l-vittma Alan Ellul rikeb minn jeddu mal-konvenut Ian Galdes, f'vettura illi huwa kien jaf illi l-istess konvenut ma kellux awtorizzazzjoni sabiex isuqha.

Kwindi jsegwi illi s-socjetà eccipjenti ma tista' qatt tigi kkundannata skond il-Ligi, illi thallas ghal kwalunkwe danni pretizi mill-atturi jew likwidati fil-konfront tal-konvenut Ian Galdes.

Assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, jirrizulta element ta' kontributorjetà qawwija fil-vittma Alan Ellul, illi mhux talli rikeb f'vettura misjuqa minn persuna li kienet taht l-

età u ghalhekk palezement ma kienitx licenzjata sabiex issuq l-istess vettura, izda sahanasitra ghamel dan meta kien jaf illi l-konvenut Ian Galdes kien fi stat ta' intossikazzjoni, tant illi l-istess Alan Ellul u l-konvenut Galdes kienu pejjpu *joint* flimkien dakinhar tal-incident, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u kwindi dan ghandu jittiehed in konsiderazzjoni f'kull eventwali likwidazzjoni tad-danni pretizi mill-atturi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, Ian Galdes baqa' ma pprezenta ebda twegiba ghall-kawza.

Rat in-nota tal-atturi pprezentata quddiem il-Qorti diversament presjeduta:

> *"ghas-subizzjoni tal-konvenut Ian Galdes bis-sahha ta' liema irid jigu ppruvat li inti kont responsabbli tal-incident stradali mertu ta' dina l-kawza u kwindi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu milqugha fil-konfront tieghek."*

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Gunju 2006 quddiem il-Qorti diversament presjeduta fejn, a tenur tal-Art. 698(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kapitlu pprezentat fil-konfront ta' Ian Galdes gie meqjus ammess u accettat.

Rat illi fl-1 ta' Marzu 2007 gie nieqes il-konvenut Ian Galdes u gew mahtura biex jirrapprezentaw l-eredità gjacenti tieghu l-Avukat Henry Antoncich u l-Avukat legali Gerald Bonello.

Semghet xhieda viva voce.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-atturi u dik tas-socjetà konvenuta.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Din hija kawza li permezz taghha l-atturi, werrieta ta' Alan Ellul qed jitolbu danni wara li l-istess Ellul, li jigi bin l-attur Anthony u Theresa u hu Eman u Christopher Ellul, miet f'incident awtomobilistiku meta kien riekeb f'karozza misjuqa minn Ian Galdes.

Jirrizulta illi s-socjetà konvenuta Fogg ghan-nom ta' Norwich Union International harget assikurazzjoni fuq vettura LAH 472 fuq talba ta' Vincent Abela, ghall-perjodu mit-8 ta' Gunju 2000 sal-31 ta' Dicembru 2000. Din il-polza kienet limitata ghal sewwieqa ta' 'l fuq minn 25 sena. Vincent Abela ttrasferixxa l-vettura lil Ian Galdes ta' sbatax-il sena, li ma kellux licenzja tas-sewqan, u dan minghajr ma qatt giet notifikata l-

assikurazzjoni. Jirrizulta illi fl-1 ta’ Lulju 2000, Alan Ellul (iben u hu l-atturi) rikeb ma’ Ian Galdes. Il-vettura kienet involuta f’incident u Alan Ellul miet konsegwenza tal-griehi li sofra fl-istess incident. Ian Galdes kien akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati:

> *“Talli f’Haz-Zebbug fl-ewwel ta’ Lulju 2000 ghal habta tas-sitta w ghaxra ta’ filghaxija waqt li kien qed isuq vettura tal-marka Vauxhall bin-numru tar-registrazzjoni LAH 472 fi Triq l-Imdina, f’Haz-Zebbug, b’nuqqas ta’ hsieb bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti kkaguna l-mewt ta’ Alan Ellul ta’ sittax-il sena.”*

Huwa ammetta l-akkuza u nstab hati.

Fuq ammissjoni tieghu stess, dakinhar tal-incident huwa wara li kien ha l-methadone preskritt ingerixxa diversi pilloli tat-tip “Dolmaine” u “Valium” flimkien ma’ xorb alkoholiku. Huwa ammetta li kellu problema ta’ abbuz ta’ droga u infatti Alan Ellul kien mar mieghu dakinhar biex ipejjpu “*joint*” flimkien.

<u>Responsabbilità ta’ Ian Galdes</u>

Il-Qorti m’ghandha ebda dubbju dwar ir-responsabbilità ta’ Ian Galdes. Huwa ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Inoltre, kif intqal aktar ‘il fuq, huwa naqas li jidher biex iwiegeb ghall-kapitolu mressaq fil-konfront tieghu, liema nuqqas wassal lil din il-Qorti diversament presjeduta tqiesu bhala ammess.

Responsabbilità tal-Assikurazzjoni

Is-socjetà tal-assikurazzjoni qeghda tqis li c-cirkostanzi kienu tali li wasslu ghall-ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza minnha mahruga. Il-karozza kienet qed tinstaq minn persuna bla licenzja, taht il-25 sena. Jirrizulta li s-sewwieq kien xurban u taht l-influwenza tad-droga. Isostnu wkoll li nkissru kundizzjonijiet ohra tal-polza rigward notifikazzjoniet u claim.

L-Art. 12(3) tal-Kap. 104 jipprovdi illi:

> *"Kull klawżola li tinsab fil-polza tal-assigurazzjoni maħruġa skont l-artikolu 4(1) li teskludi mill-kopertura tal-assigurazzjoni taħt il-polza l-użu jew is-sewqan ta' vetturi bil-mutur minn -*
>
> *(a) persuni li ma jkollhomx awtorizzazzjoni għaldaqstant espressa jew impliċita; jew*
>
> *(b) persuni li ma jkollhomx liċenza li tippermettihom isuqu l-vettura bil-mutur inkwistjoni; jew*
>
> *(ċ) persuni li jiksru l-ħtiġiet tekniċi stabbiliti li jirrigwardaw il-kondizzjoni u s-sigurtà tal-vettura bil-mutur inkwistjoni,*
>
> *tkun invalida fir-rigward ta' talbiet għad-danni minn terzi:*

> *Izda l-klawżola msemmija fil-paragrafu (a) tista' tiġi invokata kontra persuni li jkunu volontarjament daħlu fil-vettura bil-mutur li l-użu tagħha ikun ikkaġuna l-ħsara jew il-feriment, jekk l-assiguratur awtorizzat jista' jipprova li dawn il-persuni kienu jafu li l-vettura bil-mutur kienet misruqa jew li tkun ġiet użata mingħajr awtorizzazzjoni."*

Minn dan, fil-fehma tal-Qorti, jirrizulta illi s-socjetà assikuratrici tista' biss tehles mill-obbligi taghha fil-konfront tat-terz danneggjat billi tipprova li l-karozza kienet qed tinstaq bla awtorizzazzjoni. Fil-kaz in ezami, l-Qorti m'hijiex sodisfatta li dan l-oneru tal-prova gie sodisfatt. Anzi, jirrizulta illi Ian Galdes kien ilu jsuq vetturi. Xtara l-vettura *de quo* minghand Vincent Abela bi flus kontanti, u ma inghata lil Qorti ebda hjiel ta' prova li Alan Ellul kien konsapevoli b'xi mod tal-kundizzjonijiet tal-polza tal-assikurazzjoni.

Il-Qorti hawnhekk m'hija bl-ebda mod tippronunzja ruhha fuq xi dritt li jista' jkollha l-istess assikurazzjoni fil-konfront tal-persuna li kkuntrattat maghha. Pero' tali konsiderazzjoni tmur lil hinn mill-iskop tal-proceduri odjerni.

Is-socjetà assikurattrici fil-kaz odjern issostni wkoll illi parti mir-responsabbilità ghall-akkadut ghandha tingarr mill-istess Alan Ellul li kien pjenament konxju tal-periklu li ssottometta ruhu ghalih.

Charlesworth "The Law of Negligence", ghar-rigward tal-principju "volenti non fit iniuria" jghid hekk:

> *"The plaintiff does see a danger created by the negligence of the defendant, but decides to run the risk of it. If, after deciding to run it, he does not exercise reasonable care, he is guilty of contributory negligence and may be unable to recover on that ground".*

F'dan is-sens ukoll, esprimiet ruhha l-Qorti tal-Appell fil-kawza "Anthony u martu Margaret Turner u Jane u Mary u Liliana ahwa Turner fil-kwalità taghhom ta' eredi tal-mejta Carmen Turner vs Francis Agius", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru, 2003.

Fil-kaz in ezami Ian Galdes kien xorob hafna, u ngerixxa diversi medicinali flimkien mal-methadone syrup. Ma setax ma weriex sinjal ta' dan kollu. Alan Ellul rikeb mieghu volontarjament. Anzi, tant kien jaf li Ian Galdes jabbuza mid-droga li jirrizulta li pejjpu "*joint*" flimkien. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti tqis li ghandu jerfa' parti mir-responsabbilità, fl-ammont ta' 5%, ammont li permezz tieghu il-Qorti tittenta ssib bilanc bejn sehem id-defunt u l-fatt li finalment il-kontroll tal-vettura qatt ma kien f'idejh.

<u>Danni</u>

L-Art. 1045(1) testwalment jipprovdi illi:

> *"Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel*

*minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib."*

Il-princippji regolatorji fil-kuntest huma ben noti.

Fil-gurnata tal-incident Alan Ellul kellu 16-il sena. Ma kienx jahdem u ghalhekk kull decizjoni li taghti l-Qorti fir-rigward tad-dhul futur tieghu tigi bbazata fuq dak li jidher mill-assjem tac-cirkostanzi tal-kaz. Alan Ellul ma kellux kwalifici akkademici u ma tidhirx li kien hemm wisq speranza li jiksibhom. Lanqas ma jidher li kien xi guvni ta' ghaqal. Anzi, kien digà beda jiffrekwenta kumpanija dubbjuza u jesperimenta bid-droga. Anki kieku l-qraba tieghu li ghandhom negozju importanti kienu disposti jilqghuh fin-negozju, din il-Qorti ma tistax torbot fuq speranzi ta' dhul ta' aktar minn paga minima, li prezentament qeghda stabbilita.

Fid-data tal-mewt Alan Ellul kellu l-età ta' sittax-il sena, u ghalhekk il-Qorti ser taddotta multiplier ta' 37 (ara Spiteri vs Magro – Qorti tal-Appell 5 ta' Dicembru 2014). Ghal dak li jirrigwarda l-fatt li l-atturi odjerni huma werrieta qraba u mhux dipendenti ekonomikament fuq id-dhul ta' binhom il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza Turner vs Agius (28 ta' Novembru 2003) u ghalhekk taddotta terz tat-total.

M'huwa qed isir ebda tnaqqis ghal dak li huwa msejjah "lump sum payment" ghar-raguni li l-incident sehh erbatax-il sena ilu u l-proceduri odjerni nbdew ghaxar snin ilu.

Ghalhekk:

| | |
|---|---|
| Paga minima nazzjonali kurrenti | € 9510.28 |
| 10% mizjuda ghall-inflazzjoni | € 10461.31 |
| Multiplier ta’ 37 | €387068.47 |
| Terz tal-ammont in vista ta’ non-dependency | €129022.82 |
| 25% mnqassa ghal self consumption | € 96767.77 |
| 5% mnaqqsa minhabba kontributorjetà | € 91929.38 |

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tideciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tilqa’ l-ewwel talba kif dedotta; tilqa’ t-tieni talba’ tilqa’ t-tielet talba u tillikwida d-danni fl-ammonti ta’ €91,929.38 (wiehed u disghin elf, disa’ mija u disgha u ghoxrin Ewro u tmienja u tletin centezmu); tilqa’ r-raba’ talba u tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma ta’ €91,929.38 (wiehed u disghin elf, disa’ mija u disgha u ghoxrin Ewro u tmienja u tletin centezmu).

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuti flimkien hlief ghal parti wahda minn ghoxrin (1/20) li ghandhom jithallsu mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------